# MARSAXLOKK

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar it-Tnejn 8 ta' Gunju 2015 2015, fil-5:00 p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum il-1 ta' Gunju 2015
Nru 3

## Agenda

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Arisings mill-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**
4. **Korrispondenza**
5. **Education Centre fi Triq l-Arznell**
6. **Tourist Information Office**
7. **Rapport ta' kull kwart ghall-Perjodu Ottubru-Dicembru 2014**
8. **Skeda ta' hlasijiet**
9. **Lista' ta' works orders/purchase orders**
10. **Lista ta' petty cash**
11. **Affarijiet ohra**
12. **Aggornament**

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 2, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 8 ta' Gunju 2015, fil-5:00 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C..)<br>Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 2

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Education Centre fi Triq l-Arznell
6. Tourist Information Office
7. Rapport ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru-Dicembru 2014
8. Approvazzjoni ta' hlasijiet
9. Lista ta' works orders/purchase orders
10. Lista ta' petty cash
11. Affarijiet oħra
12. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**03/01** **Qari tal-Minuti**

03/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 2, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

03/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Daniel Zerafa issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti gew approvati b'votazzjoni unanima

03/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**03/02** ***Arisings* mill-Minuti**

03/02/01 Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi b'referenza ghal minuta 02/11/03 li kienet tikkoncerna ghajn li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda, fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jaghmel it-targa mitluba flimkien ma' *handrailing* b'materjal illi ma jaffettwawhx l-elementi naturali.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi kellha tinzamm laqgha mal-Perit Joseph Zerafa Boffa u l-proposta tas-Sa. Chetcuti kellha tkun fost dawk imressqa sabiex isiru mid-Dipartiment tax-xogholijiet

03/02/02 Is-Sur Horace Gauci qal illi b'referenza ghal minuta 02/11/07 li kient tikkoncerna problemi relatati mal-iskart riciklabbli il-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda komunikazzjoni minn Green MT u talab illi terga' tintbaghat korrispondenza sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata fl-iqsar zmien possibbli.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku.

**03/03** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

03/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar id-19 ta' Mejju kien attenda ghal seminar informattiv dwar fondi tal-Unjoni Ewropeja li kienu ser ikunu disponibbli matul il-perjodu 2014-2020. Is-Sur Gauci zied jghid illi seminar simili kien ser jinzamm nhar l-10 ta' Gunju 2015

03/03/02 Is-Sindku qal illi b'konnessjoni ma' decizjoni mehuda fis-seduta precedenti kien iltaqa' mal-Kunsilliera Janice Chetcuti u Daniel Zerafa bil-ghan illi tigi sottomessa applikazzjoni halli jinkisbu fondi ewropej. Madanakollu minhabba l-fatt illi l-kofinanzjament tal-iskema kien jammonta ghal 25%, kienet ser tinholoq problema finanzjarja lill-Kunsill Lokali

03/03/03 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar is-27 ta' Mejju 2015 kien iltaqa' mal-organizzaturi tal-attivita' *fish fair* u kienu gew diskussi d-dettalji tal-imsemmija attivita' li kienet ser tittella' nhar is-Sibt 6 ta' Gunju 2015.

03/03/04 Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill Lokali illi kien attenda ghal intervista li kienet saritlu b'konnessjoni mal-progett iKids li kienet ser tixxandatr fuq l-istazzjon nazzjonali nhar is-6 ta' Gunju 2015.

03/03/05 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-1 ta' Gunju 2015, kien attenda ghal TV show fuq l-istazzjoni Fliving Channel

03/03/06 Is-Sindku illi nhar it-2 ta' Gunju 2015, kien attenda ghal-laqgha gewwa l-berga ta' Kastilja li matulha kien gie diskuss il-pjan ta' rigenerazzjoni li kien qieghed jigi propost ghal Marsaxlokk.

03/03/07 Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera prezent illi nhar it-3 ta' Gunju kellu laqgha mal-Perit Joseph Zerafa Boffa li kien il-perit responsabbli minn progett li kien sar f'Xatt is-Sajjieda u kienet tressqet il-proposta illi minflok bollards ezistenti isir cint baxx illi ma jaghtix accesss lill-vetturi mhux awtorizzati jitilghu fuq il-bankina.
Wara diskussjoni qasira dwar il-materja kien hemm qbil unanimu fost dawk prezenti illi l-proposta mressqa kienet valida.

03/03/08 Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-4 ta' Gunju 2015 kellu laqgha gewwa l-berga ta' Kastilja li matulha gie maqbul illi l-bejjiegha li kienu joperaw mis-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd kellhom jigu mhegga jwaqqfu kumitat bil-ghan illi f'isem il-bejjiegha kollha jiddiskuti temi relatati mas-suq fil-berah mal-Gvern Centrali.

03/03/09 Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed ikollu kuntatt mas-Supretendent Sandro Gatt rigward problemi relatati mal-organizzazzjoni tas-suq fil-berah u l-iskart li tiggenera l-istess attivita' Is-Sur Gauci zied jghid illi s-Supretendent Gatt kien ippropona illi tigi organizzata laqgha mas-sidien ta' stabbilimenti ta' Xatt is-Sajjieda bil-ghan illi tigi rizolta problema ta' skart li kienu jiggeneraw l-istess stabbilimenti.

03/03/10 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-5 ta' Gunju 2015, kellu laqgha ma' rapprezentanti tal-fondazzjoni GALXLOKK u tal-Ministeru ghat-Turizmu li matulha kienu gew diskussi temi relatati mal-progett tat-*Tourist Information Hub* li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta.

03/03/11 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li kien ikkonsulta mas-Segretarju Ezekuttiv kienu tqabbdu eco-wardens sabiex jissorveljaw l-operat tal-bejjiegha tas-Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd f'jum partikolari u kienu gew identifikati erba' bejjiegha li kienu wettqu kontravvenzjonijiet.

03/03/12 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-8 ta' Gunju 2015 kien attenda ghat-tnehdija tal-'*Integrated Maritime Policy*' li kienet inzammet gewwa t-Torri Vendome.

03/03/13 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-17 ta' Lulju 2015, il-Kunsill Lokali kien gie mistieden mill-E.T. il-President ta' Malta sanex jattendi ghal sessjoni informattiva, liema sessjoni huwa ma setax jattendi ghaliha peress li kien ser ikun impenjat fuq laqgha ohra tal-Kunsill Lokali.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi s-Sur Steven Grech kellu jattendi ghal-laqgha f'isem il-Kunsill Lokali

**03/04** **<u>Korrispondenza</u>**

03/04/01 Permezz ta' ittra datata 26 ta' Mejju 2015, l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-dipartiment tal-Artijiet kien hareg permess lis-Sid tal-istabbiliment Tartarun sabiex ikunu jistghu jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem l-istess stabbiliment.
Filwaqt li kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali f'dan l-istadju ma kienx qieghed jinghata l-possibilita' illi jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu,gie deciz illi kellha tintbaghat ittra lill-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar bil-ghan illi f'cirkostanzi futuri il-Kunsill Lokali jigi infurmat ufficjalment illi jkunu dahlu applikazzjonijiet simili

03/04/02 Permezz ta' ittra datata 26 ta' Mejju 2015, l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-dipartiment tal-Artijiet kien hareg permess lis-Sid tal-istabbiliment T'Anna Marie sabiex ikunu jistghu jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem l-istess stabbiliment.
Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu joqghod ferm attent meta jinhargu permessi simili ghaliex seta' facilment jinholoq precedent. Is-

Sur Steven Grech sahaq illi l-applikazzjoni ghat-tqeghid ta' imwejjed u siggijiet tal-istabbiliment imsemmi kienet diga' giet diskussa waqt seduta tal-Kunsill Lokali u kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux joggezzjona.

03/04/03 Numru ta' notifiki mill-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar illi permezz taghhom il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienu gew ricevuti applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/01909/15, PA/2014/15, PA/02035/15, PA/01710/15, PA/01664/15, PA/01465/15, PA/01513/15 u PA/01522/15 u PA/00365/15
Wara li gie evalwat l-izvilupp propost kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghajr li kellhom jintalbu aktar dettalji dwar l-izvilupp propost b'konnessjoni ma' applikazzjoni numru PA/01522/15 u li tintalab kundizzjoni illi t-triq ma tigix affettwata permezz tal-izvilupp propost f'applikazzjoni numru PA/00365/15.

03/04/04 Ittra datata 20 ta' Mejju 2015 li permezz taghha l-Ghaqda Muzikali Pompei Marsaxlokk talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jissieheb maghha sabiex jittella' programm Vokali/Strumentali nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2015, liema attivita' kien qieghed jigi propost illi tittella' taht il-patroncinju tal-Kunsill Lokali.
Wara diskussjoni libera, fuq proposta tal-Vici-Sindku issekondat mill-Kunsillier Daniel Zerafa u li ghaddiet b'votazzjoni unanima, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa fil-kordinament u l-attivita' innifisha. Gie deciz illi s-sehem finanzjarju tal-Kunsill Lokali fl-attivita' ma kellux jeccedi s-somma ta' €250.

03/04/05 Permezz ta' e-mail datat 30 ta' Mejju 2015, Dr. Michael Briguglio informa lill-Kunsilli lokali illi kien gie inwaqqaf il-Front Harsien ODZ li kellu l-ghan ewlieni illi jipprotegi z-zoni dikjarati bhala ODZ f'Malta u heggeg lill-individwi u organizzazzjonijiet interessati sabiex jissiehbu mal-organizzazzjoni msemmija kemm il-darba ikunu interessati

03/04/06 E-mail datat 27 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu il-Kunsill Lokali talab lis-Sur David Penza f'isem Transport Malta li tinzamm laqgha bejn l-istess Transport Malta u rapprezentanti tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi tigi rizolta diffikulta' li kien hemm dwar manutenzjoni mehtiega fi iskalien li kienu jinstabu matul Xatt is-Sajjieda.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi risposta dwar it-talba ghal-laqgha kienet ghadha ma waslitx.

03/04/07 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Gunju 2015, il-Kunsill Lokali talab lill-Onor Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali laqgha sabiex jigu diskussi dettalji dwar bye-law li l-istess Kunsill Lokali kien qieghed jahseb illi jipproponi sabiex tidhol fis-sehh f'Marsaxlokk.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-Onor. Buontempo kien talab dettalji dwar l-imsemmija bye-law, liema dettalji kienu gew minnufih mghoddija. Madanakollu, il-Kunsill Lokali kien ghadu ma inghatax data u hin sabiex tinzamm il-laqgha mitluba.

03/04/08 Permezz ta' e-mail 27 ta' Mejju 2015, is-Sur Oliver Farrugia f'isem il-Ministeru ghat-Turizmu informa lill-Kunsill Lokali illi t-talba li kien ghamel l-istess Kunsill Lokali sabiex jikseb fondi addizzjonali sabiex ikun jista' jimplimenta progett fi Triq Xatt is-Sajjieda (Tourist Information Office) kienet giet miqlugha.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif kawza ta' cirkostanzi li ma kienx hemm kontroll fuqhom l-ispejjez relatati mal-isemmi progett kienu ser iqumu madwar €40 000 aktar

mill-ammont stmat. Ghal dan il-ghan il-Kunsill Lokali kien talab l-ghajnuna tal-Ministeru ghat-Turizmu liema ghajnuna kien gie kkonfermat li kienet ser tinghata.

03/04/09 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Mejju2 015, is-Sa. Martha Fitz talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi japprova attivita' sportiva li kienet qieghda tigi proposta li tittella' nhar it-Tnejn 29 ta' Gunju 2015.
Wara li inqraw id-dettalji tal-attivita', kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

03/04/10 Permezz ta' e-mail datat 3 ta' Gunju 2015, il-Kunsilliera Janice Chetcuti ipproponiet numru ta' inizjativi li fl-opinjoni taghha setghu jittiehdu sabiex tigi rizolta problema akuta ta' indafa li kien qieghed ikun hemm kull nhar ta' hadd fiz-zona ta' Triq Xatt is-Sajjieda.
Gie stabbilit illi l-materja kienet diga' giet diskussa aktar kmieni matul l-istess seduta u ma kienx hemm il-htiega ta' aktar approfondiment.

**03/05** **<u>Education Centre fi Triq l-Arznell</u>**

03/05/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi x-xogholijiet fuq ic-Centru Edukattiv fi Triq l-Arznell kienu mexjin b'ritmu tajjeb u kien mahsub illi c-centru Edukattiv ikun lest sabiex jibda' jintuza f'Lulju 2015 hekk kif ippjanat. Is-Sur Horace Gauci qal illi b'konnessjoni mal-istess materja, fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jaghti l-isem 'Centru Edukattiv Frans Grech' lic-centru Edukattiv. Is-Sur Steven Grech issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti

F'dan l-istadju is-Sa. Janice Chetcuti talbet illi tkun skuzata thalli s-seduta minhabba impenji ohra (7:15pm.). Il-Kunsill unanimament approva illi s-Sa. Chetcuti tigi skuzata mis-seduta.

**03/06** **<u>Tourist Information Office</u>**

03/08/01 Is-Sindku informa lill-kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni mal-progett tat-*tourist information hub*, hekk kid imsemmi aktar kmieni waqt l-istess seduta, kienet inzammet laqgha mal-fondazzjoni GALXLOKK u rapprezentanti tal-Ministeru tat-Turizmu illi matulha kienu gew diskussi id-dettalji tal-progett. Is-Sur Gauci zied jghid illi sussegwentement kien sar kuntatt mal-perit li kien qieghed jiehu hsieb il-progett f'isem il-Kunsill Lokali bil-ghan illi jigi avvjat il-process sabiex jinghata bidu ghax-xogholijiet b'mod immedjat sabiex il-progett ikun jista' jitlesta fiz-zmien stabbilit.

**03/07** **<u>Rapport ta' kull kwart ghall-Perjodu Ottubru-Dicembru 2014</u>**

03/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru-Dicembru 2014. Is-Sur Hall imbaghad ghadda biex jaghti speja dettaljata tar-rapport u fisser kif l-infiq tal-Kunsill Lokali ghat-tieni kwart tal-2014 kien bejn wiehed u iehor hekk kif ippjanat.

03/07/02 Wara diskussjoni libera li matulha saru xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera lis-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Daniel Zerafa ippropona l-approvazzjoni tar-rapport hekk kif propost. Is-Sur Horace Gauci issekonda l-proposta tas-Sur Daniel Zerafa li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**03/08** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

02/08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 06/2015) ghall-approvazzjoni.

02/08/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**03/09** **Lista ta' works orders/Purchase orders**

03/09/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works orders/purchase orders mahruga mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Mejju 2015.

03/09/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill unanimament approva l-lista imsemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**03/10** **Lista ta' Petty Cash**

02/10/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Mejju 2015

02/10/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Horace Gauci, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**03/11** **Affarijiet ohra**

03/11/01 *Kaz ta' korruzzjoni*
Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsilliera prezenti illi kull kunsillier kien gie moghti numru ta' dokumenti relatati ma' kaz li kien tqajjem ricentement u li fih kien gie allegat illi matul l-operat tieghu bhala kunsillier, kien involut f'kazi ta' korruzzjoni. Filwaqt li ta' spjegazzjoni tac-cirkostanzi, is-Sur Grech sahaq illi d-dokumentazzjoni kienet giet imqassma sabiex juri l-fatti kif kienu.

03/11/02 *Assenjar tas-Sa. Lorna Frendo*
Is-Sur Steven Grech staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kenitx giet implimentata decizjoni tal-Kunsill Lokali illi jintemm l-assenjar tas-Sa. Lorna Frendo mal-Kunsill Lokali.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni kienet ghamlet kuntatt mal-korporazzjoni ghax-xoghol u t-tahrig li min-naha taghha kienet ikkonfermat illi hekk kif il-kuntratt tas-sa Frendo jiskad, nhar it-12 ta' Gunju 2015, dan ma kienx ser jerga' jigi mgedded.

03/11/03 *Incident bil-vettura tal-Kunsill Lokali*

Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsilliera prezenti illi matul ix-xahar ta' Mejju 2015, waqt li l-vettura tal-Kunsill Lokali kienet ipparkjata, individwu li kien gie maghruf kien dahal bil-vettura tieghu fiha u kkawza xi hsarat.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-kaz kien gie rrapurtat lill-insurance u l-Kunsill Lokali kien ser isewwi l-vann minghajr ma jhallas peress illi ma kellu ebda tort fic-cirkostanzi.

03/11/04 *Parati fl-iskalien*

Is-Sur Steven Grech staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx ser jiehu azzjoni fir-rigward ta' parati mkissra li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda.

Gie stabbilit illi din il-materja kienet diga giet diskussa precedentement waqt l-istess seduta.

03/11/05 *Bollards fi Triq Xatt is-Sajjieda*

Is-Sur Steven Grech qal illi hekk kif maqbul kienu ingabru kwotazzjonijiet sabiex isiru mill-gdid bollards li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda bil-ghan illi dawn tal-ahhar isiru b'tali mod illi jnaqqsu l-abbuz illi vetturi jaccedu ghal zoni li mhux suppost ikollhom access ghalihom. Is-Sur Grech zied jghid illi madanakollu, kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' illi minflok l-imsemmija bollards issir cinta u ghaldaqstant l-inizjativa kienet qieghda tigi temporanjament sospiza

03/11/06 *Skema ta' restawr ta' postijiet pubblici.*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi sabiex tkun tista' tigi sottomessa applikazzjoni kien jinhtieg illi jigi deciz il-post li ser jigi restawrat. Is-Sindku qal illi aktar kmieni matul il-jum kellu diskussjoni mal-president ta' Marsaxlokk F.C. li min-naha tieghu kien offra illi kemm il-darba il-Kunsill Lokali jaghzel illi jirrestawra t-Torri Vendome li kien mikri lill-istess Marsaxlokk F.C., kien hemm ir-rieda illi jigi ffirmat memorandum of understanding bejn iz-zewg partijiet sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jutilizza l-imsemmi fond ghal certi attivitajiet. Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sindku, ssekondat mis-Sur Stephen Caruana u li ghaddiet b'votazzjoni ta' tlieta favur u astensjoni wahda, il-Kunsill Lokali qabel illi jissotometti applikazzjoni sabiex jigi restawrat it-torri vendome.

03/11/07 *Rimi ta' materjal fil-bahar.*

Is-Sur Daniel Zerafa qal illi kienet waslitlu informazzjoni illi bejjiegha tal-hut illi joperaw fis-suq fil-berah ta' nhar ta' hadd kienu qieghdin jarmu l-fdalijiet tal-hut fil-bahar.

Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi l-pulizija kellha tigi infurmata bil-materja sabiex tkun tista' tiehu azzjoni.

03/11/08 *Tbattil ta' litter bins*

Is-Sur Daniel Zerafa qal illi kienu waslulu xi ilmenti illi l-litter bins ta' Triq Xatt is-Sajjieda ma kienux qieghdin jitbattlu b'mod regolari.

Gie stabbilit illi kellhom isiru spezzjonijiet sabiex jigi stabbilit jekk l-ilment kienx fondat u kemm il-darba jirrizulta li kien hemm xi nuqqas kellha tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

03/11/09 *Triq il-Luzzu*

Is-Sur Daniel Zerafa qal illi kien innota illi kienet ittehdet decizjoni li Triq il-Luzzu issir one-way (jinzel biss traffiku fid-direzzjoni ta' Triq l-Arznell) waqt il-hinijiet tal-iskola.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokal illi d-decizjoni ma kenitx giet implimentata kawza tal-fatt illi l-Kunsill Lokali ma kellux kuntrattur minghand min jordna x-xogholijiet

03/11/10 *Manutenzjoni ta' toroq f'Delimara*

Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra jaghmel manutenzjoni fuq numru ta' toroq fiz-zona ta' Delimara ghaliex kien hemm uhud mit-toroq li kienu fi stat hazin hafna.

Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi minkejja li l-argument tas-Sur Zerafa kien validu, il-kunsill Lokali ma kellux il-fondi mehtiega sabiex jaghmel il-manutenzjoni hekk kif propost.

03/11/11 *Xiri ta' kompjuter*

Is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsilliera prezenti illi matul biz-zieda tas-Sa. Vanessa Galea mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali , kienet inholqot problema peress illi l-Kunsill Lokali ma kellux kompjuters bizzejjed sabiex l-amministrazzjoni tkun tista' taghmel xogholha. Ghal dan il-ghan, kienu ingabru kwotazzjonijiet minghand tliet kumpaniji differenti ghal xiri ta' kompjuter gdid. Is-Sur Hall zied jghid illi l-orhos offerta ricevuta kienet minghand KLIKK u kienet tammonta ghal €585.

Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sur Horace Gauci issekondata mis-Sur Daniel Zerafa il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jinxtara kompjuter gdid minghand KLIKK ghas-somma kkwotata.

03/11/12 *Report to Management ghas-Sena 2014*

Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-report to management li l-istess Kunsill Lokali kien ircieva ghas-sena 2014 ghad-diskussjoni. Segwiet diskussjoni libera li matulha il-Kunsill Lokali ddiskuta l-punti li kienu tqajmu mill-udituri. Sussegwentement, is-Segretarju Ezekuttiv ghadda sabiex jaqra abbozz ta' dokument li kien gie mhejji flimkien mal-accountant tal-Kunsill Lokali bhala risposta ghan-nuqqasijiet identifikati. Wara li nqara l-abbozz tad-dokument fuq proposta tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost.

**03/12 Aġġornament**

03/12/01 Is-Seduta spiccat fis-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 3 ta' Lulju 2015 fil-5:00p.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 3/7/15

## Petty Cash for May 2015

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| PC060/2015 | Party Time | Banners | 06/05/2015 | -€ | 5.20 |
| PC061/2015 | Godfrey Abela | Fruit & Veg | 07/05/2015 | -€ | 10.50 |
| PC062/2015 | Debbie's baby Centre | B'day Card | 14/05/2015 | -€ | 2.86 |
| | | ***Petty cash Cheque No. 8645*** | | € | 200.00 |
| PC063/2015 | Silvan Carabott | Table Cloth | 16/05/2015 | -€ | 10.00 |
| PC064/2015 | Silvan Carabott | Kitchen utensils | 16/05/2015 | -€ | 15.00 |
| PC065/2015 | Tarcisio Caruana Ltd | Carpet | 18/05/2015 | -€ | 13.95 |
| PC066/2015 | Stop Everyday | contact paper | 19/05/2015 | -€ | 4.50 |

Approved on ____________________

____________________
Horace Gauci
Mayor

____________________
Duncan Hall
Executive Secretary

Kunsill Lokali: Marsaxlokk

Skeda Nru. 6/15

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data:15/05/15 sa: 07/06/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Payroll | €7,208.33 | €7,208.33 | n/a | n/a | Payroll and Mayor's Honorarium for May 2015 | n/a | n/a | n.a | n/a | | Various |
| 2 | RMS Ltd | €20,000.00 | €20,000.00 | T | PP | Works done as per Contract MXLC 03/2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8656 |
| 3 | Commissioner of Police | €50.79 | €50.79 | D | PF | Extra police for Avvizi Dghajjes on 05/06/15 | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8657 |
| 4 | Seacoast Confectionery | €165.00 | €165.00 | D | PF | Groceries and hospitalities | 01-06-15 | 11 | Various | Various | | 8658 |
| 5 | A. Montebello Tyres Ltd | €213.73 | €213.73 | D | PF | 4 New Tyres for Council's Van | 05-06-15 | 10258405 | 1564 | 1989 | | 8659 |
| 6 | Jason Gauci | €172.50 | €172.50 | D | PF | Newspapers and Stationery supplies | 07-06-15 | Inv5/2015 | 1554 | 1979 | | 8660 |
| 7 | Island Insurance Brokers | €1,032.70 | €1,032.70 | D | PF | Combined Insurance Policy MXLC 01/2014 | 14-01-15 | I-N112278 | n/a | n/a | | 8661 |
| 8 | FIN Solutions | €367.47 | €367.47 | D | PF | Repairs on Water Fountain | 13-05-15 | INV4986 | 1424/1504 | 1850/1929 | | 8662 |
| 9 | | | | | | | | | | | | |
| 10 | | | | | | | | | | | | |
| 11 | | | | | | | | | | | | |
| 12 | | | | | | | | | | | | |
| 13 | | | | | | | | | | | | |
| 14 | | | | | | | | | | | | |
| 15 | | | | | | | | | | | | |
| 16 | | | | | | | | | | | | |
| 17 | | | | | | | | | | | | |
| 18 | | | | | | | | | | | | |
| 19 | | | | | | | | | | | | |
| 20 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€29,210.52** | **€29,210.52** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€29,210.52** | **€29,210.52** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 3**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

## Purchase Orders and Purchase Request for May 2015

| P/O Number | P/R Number | Date | Supplier | Material Procured | Reason | Amount | P/O Book |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1919 | 1494 | 01/05/2015 | TM Ironmongery | 1 Extension | Meeting | € 9.60 | 39 |
| 1920 | 1495 | 01/05/2015 | Jason Gauci | Newspapers for April 2015 | Office | € 166.60 | 39 |
| 1921 | 1496 | 01/01/2015 | Leisure Animation | Co-Ordination of Venue | Fireworks Fest | € 800.00 | 39 |
| 1922 | 1497 | 04/05/2015 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal pompa | Pompa | € 6.00 | 39 |
| 1923 | 1498 | 04/05/2015 | Cleaning Services Directorate | Public Convenience Servic | 8 ta' Mejju 15 | € 118.00 | 39 |
| 1924 | 1499 | 04/05/2015 | Victor Busuttil | Bowser ilma ghall-hasil tal- | 8 ta' Mejju 15 | € 30.00 | 39 |
| 1925 | 1500 | 05/05/2015 | TM Ironmongery | Pipe | General Use | € 24.00 | 39 |
| 1926 | 1501 | 06/05/2015 | TM Ironmongery | Plumbing Supplies | Education Cen | € 17.30 | 39 |
| 1927 | 1502 | 06/05/2015 | F Caruana Ironmongery | 2 Cwievet | Public Library | € 3.54 | 39 |
| 1928 | 1503 | 06/05/2015 | Victor Busuttil | Bowser ilma ghall-hasil tal- | 8 ta' Mejju 15 | € 30.00 | 39 |
| 1929 | 1504 | 08/05/2015 | Conrad Zammit(Fin Solutions) | Repairs of 2 Nozzles | Funtana Pjazza | € 203.00 | 39 |
| 1930 | 1505 | 08/05/2015 | Maestro Paul Abela | Performance by Paul Abela | Fireworks Fest | € 3,540.00 | 39 |
| 1931 | 1506 | 08/05/2015 | Rita Galea | Street Animation | Fireworks Fest | € 700.00 | 39 |
| 1932 | 1507 | 08/05/2015 | Paul Buhagiar Duo | Entertainment | Fireworks Fest | € 200.00 | 39 |
| 1933 | 1508 | 11/05/2015 | Sea Coast | Daily Groceries | Office | € 21.40 | 39 |
| 1934 | 1509 | 12/05/2015 | Schembri Barbros | cement, yarda zrar u rame | Hofor Arbli Pja | € 15.80 | 39 |
| 1935 | 1510 | 13/05/2015 | TM Ironmongery | Serratura u 8 cwievet | Admin Offices | € 14.50 | 39 |
| 1936 | 1511 | 13/05/2015 | PC Options | Toners, Cartridges u 2-32G | General Use | € 477.96 | 39 |
| 1937 | 1512 | 14/05/2015 | TM Ironmongery | 2 xkejjer Cement | General Use | € 7.50 | 39 |
| 1938 | 1513 | 14/05/2015 | Sea Coast | daily groceries | Office | € 29.79 | 39 |
| 1939 | 1514 | 14/05/2015 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghall-Van | Van | € 20.00 | 39 |
| 1940 | 1515 | cancelled | cancelled | cancelled | cancelled | | 39 |
| 1941 | 1516 | 15/05/2015 | TM Ironmongery | 3 gir | General Use | € 13.50 | 39 |
| 1942 | 1517 | 15/05/2015 | Sea Coast | daily groceries | Office | € 16.36 | 39 |
| 1943 | 1518 | | | | | | 39 |
| 1944 | 1519 | 18/05/2015 | Sea Coast | daily groceries | Office | € 22.48 | 39 |
| 1945 | 1520 | 18/05/2015 | Caruana Aluminium | External Door & Bathroom | Education Cen | € 460.00 | 39 |
| 1946 | 1521 | 19/05/2015 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghall-Van | van | € 20.00 | 39 |
| 1947 | 1522 | 19/05/2015 | TM Ironmongery | xkupa u rutella | General Use | € 9.80 | 39 |
| 1948 | 1523 | 19/05/2015 | Falzon's Bathroom & Ceramics | Fittings for bathroom and | Education Cen | € 1,155.00 | 39 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1949 | 1524 | 20/05/2015 | TM Ironmongery | Various items of Ironmong | Bitha Kunsill | € 51.78 | 39 |
| 1950 | 1525 | 20/05/2015 | TM Ironmongery | Various items of Ironmong | Bitha Kunsill | € 10.90 | 39 |
| 1951 | 1526 | 20/05/2015 | Paulson | A/C 12000 BTUs Unit | Mayor's Office | € 590.00 | 40 |
| 1952 | 1527 | 20/05/2015 | Schembri Barbros | 40 Bricks tas-7", Cement, r | Bitha Kunsill | € 71.25 | 40 |
| 1953 | 1528 | 21/05/2015 | Sea Coast | daily groceries | Office | € 37.26 | 40 |
| 1954 | 1529 | 22/05/2015 | TM Ironmongery | Various items of Ironmong | Bitha Kunsill | € 25.00 | 40 |
| 1955 | 1530 | 22/05/2015 | Sea Coast | daily groceries | Office | € 6.35 | 40 |
| ~~1956~~ | ~~1531~~ | ~~22/05/2015~~ | ~~BT Commercial~~ | ~~24000 BTU A/C Unit~~ | ~~New Office~~ | ~~995.00~~ | 40 |
| 1957 | 1532 | 22/05/2015 | Jesmond Saliba (Arredo Furnitu | Office Furniture | Mayor's Office | € 944.00 | 40 |
| 1958 | 1533 | 22/05/2015 | Alex Mercieca | 55 mtrs Bologna Crema Flo | Admin Offices | € 558.14 | 40 |
| 1959 | 1534 | 22/05/2015 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghall-van | Van | € 20.00 | 40 |
| 1960 | 1535 | 25/05/2015 | TM Ironmongery | Various items of Ironmong | New Office | € 12.75 | 40 |
| 1961 | 1536 | | | | | | 40 |
| 1962 | 1537 | 25/05/2015 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal pompa | Pompa | € 6.00 | 40 |
| 1963 | 1538 | 25/05/2015 | J.S. Household Distributors | 1-24000 BTU Mitsui A/C | New Office | € 1,050.00 | 40 |
| 1964 | 1539 | 26/05/2015 | TM Ironmongery | Invell, Viti etc | Inkwatru Madd | € 28.70 | 40 |
| 1965 | 1540 | 26/05/2015 | Schembri Barbros | Bricks, Travi, Bricks tas-Saq | Bitha Kunsill | € 274.56 | 40 |
| 1966 | 1541 | 26/05/2015 | Sea Coast | Daily Groceries and Dispos | Office | € 11.32 | 40 |
| 1967 | 1542 | 26/05/2015 | TM Ironmongery | katnazz | Bollard Ghar l-A | € 5.40 | 40 |
| 1968 | 1543 | 27/05/2015 | TM Ironmongery | various ironmongery items | Bitha Kunsill | € 12.40 | 40 |
| 1969 | 1544 | 27/05/2015 | Gaetano Spiteri | 2 Yardi konkos | Bitha Kunsill | € 240.00 | 40 |
| 1970 | 1545 | 28/05/2015 | Schembri Barbros | 11 bricks tas-saqaf | Bitha Kunsill | € 10.64 | 40 |
| 1971 | 1546 | 28/05/2015 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal van | Van | € 20.00 | 40 |
| 1972 | 1547 | 29/05/2015 | TM Ironmongery | various ironmongery items | Admin Offices | € 41.72 | 40 |
| 1973 | 1548 | 29/05/2015 | Mac Med Ltd | 5 ltrs Crown Kholrabi | Inkwatru Madd | € 27.00 | 40 |
| 1974 | 1549 | 29/05/2015 | Sea Coast | groceries | Office | € 20.68 | 40 |

Approved on ____________________

______________________
Horace Gauci
Mayor

______________________
Duncan Hall
Executive Secretary